

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka disa' motivi.

## (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li

— l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni fir-rigward tal-kalkolu tal-multa u kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

## (2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li

— l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni meta kkalkulat il-koeffiċjent multiplikatur applikabbli għar-rikorrenti u kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità meta kkalkulat dan il-multiplikatur.

## (3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li

— l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità meta ffissat il-multa tar-rikorrenti bl-istess mod li hija ffissat il-multa għall-produtturi Ewropej.

## (4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li

— il-Kummissjoni wettqet żball meta naqset milli tiegħu inkunsiderazzjoni provi tekniċi u ekonomiċi meta hija evalwat l-impatt tal-aġir tar-rikorrenti u meta kkalkolat il-multa ta' din tal-aħħar.

## (5) Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li

— il-Kummissjoni wettqet żball meta stabbilixxiet it-tul tal-akkordju allegat.

## (6) Is-sitt motiv ibbażat fuq il-fatt li

— il-Kummissjoni wettqet żball meta ffissat il-proporzjonijiet tal-ammont inizjali ta' TM T&D li kellu jinqasam bejn ir-rikorrenti u kumpannija oħra, u b'hekk kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

## (7) Is-seba' motiv ibbażat fuq il-fatt li

— il-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni meta stabbilixxiet il-proporzjonijiet tal-ammont inizjali ta' TM T&D li kellu jinqasam bejn ir-rikorrenti u kumpannija oħra.

## (8) It-tmien motiv ibbażat fuq il-fatt li

— il-Kummissjoni wettqet żball fil-metodu użat sabiex talloka ammont inizjali lir-rikorrenti għall-perijodu preċedenti għall-istabiliment ta' TM T&D, u għaldaqstant kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

## (9) Id-disa' motiv ibbażat fuq il-fatt li

— il-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni fir-rigward tal-metodu użat sabiex talloka ammont inizjali lir-rikorrenti għall-perijodu preċedenti għall-istabiliment ta' TM T&D.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2012 — bpost vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-412/12)

(2012/C 343/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: bpost (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: D. Geradin, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-Artikoli 2, 5, 6 u 7 tal-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 178, tal-25 ta' Jannar 2012, dwar il-miżura SA.14.588 (C 20/2009) implementata mill-Belġju favur De Post-La Poste (fil-preżent bpost), ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE fid-29 ta' Ġunju 2012 (ĠU L 170, p. 1);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) Permezz tal-ewwel motiv hija ssostni ksur tal-Artikoli 106(2) u 107(1) u (3) TFUE, żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, peress li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li n-netwerk ta' bejgħ bl-innut operat minn bpost ma kienx Servizz ta' Interess Ekonomiku Ġenerali ("SIEĠ"), u għalhekk, ikkonstatat li l-kumpens irċevut mill-Istat Belġjan għan-netwerk ta' bejgħ bl-innut ikkostitwixxa sovrakumpens.

(2) Permezz tat-tieni motiv hija ssostni ksur tal-Artikoli 106(2) u 107(1) u (3) TFUE u żball manifest ta' evalwazzjoni, peress li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li l-ispejjeż tan-netwerk ta' bejgħ bl-innut taħt l-Obbligu ta' Servizz Universali ma għandhomx jittiegħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont ta' profitti fis-settur riżervat tas-Servizz Universali li jeċċedu l-livell ta' profitt raġonevoli.

(3) Permezz tat-tielet motiv hija ssostni ksur tal-Artikoli 107 u 106(2) TFUE u l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, peress li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li l-ispejjeż netti ta' SIEĠ mhux postali għandhom jiġu paċuti mal-profitti mis-settur riżervat tas-Servizz Universali, sa fejn dawn il-profitti jeċċedu profitt raġonevoli.

(4) Permezz tar-raba' motiv hija ssostni ksur tal-Artikoli 107 u 106(2) TFUE u ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività, minħabba n-nuqqas totali li tieħu inkunsiderazzjoni s-sotto-kumpens ta' bpost akkumulat matul is-snin 1992-2005 għal finijiet ta' tpaċija tal-ammonti tal-allegat sovrakumpens matul il-perijodu 2006-2010.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2012 — Post Invest Europe vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-413/12)

(2012/C 343/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Post Invest Europe Sàrl (Lussemburgu, Il-Lussemburgu) (rappreżentanti: B. van de Walle de Ghelcke u T. Franco, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla l-Artikoli 2, 5, 6 u 7 tal-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 178, tal-25 ta' Jannar 2012, dwar il-miżura SA.14.588 (C 20/2009) implementata mill-Belġju favur De Post-La Poste (fil-preżent bpost), ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE fid-29 ta' Ġunju 2012 (ĠU L 170, p. 1);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

- (1) Permezz tal-ewwel motiv hija ssostni li l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li n-netwerk ta' bejgħ bl-imnut ma kienx Servizz ta' Interess Ekonomiku Ġenerali ("SIEĠ") distint intitolat għal kumpens tikser l-Artikoli 106(2) u 107(1) u (3) TFUE, tikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni u tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
- (2) Permezz tat-tieni motiv hija ssostni li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni parti mill-ispejjeż tan-netwerk ta' bejgħ bl-imnut taħt l-Obbligu ta' Servizz Universali ("OSU") għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont ta' profitti fis-settur riżervat tal-OSU, li jeċċedu l-livell ta' profitt raġonevoli, jikser l-Artikoli 106(2) u 107(1) u (3) TFUE u jikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni.
- (3) Permezz tat-tielet motiv hija ssostni li l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li l-ispejjeż netti ta' SIEĠ mhux postali għandhom jiġu paċuti mal-profitti mis-settur riżervat tal-OSU, sa fejn dawn jeċċedu profitt raġonevoli, tikser l-Artikoli 107 u 106(2) TFUE u l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.
- (4) Permezz tar-raba' motiv hija ssostni ksur tal-Artikoli 107 u 106(2) TFUE u ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività, minħabba n-nuqqas totali li tieħu inkunsiderazzjoni s-sotto-kumpens ta' bpost akkumulat matul is-snin 1992-2005 għal finijiet ta' tpaċija tal-ammonti tal-allegat sovrakumpens matul il-perijodu 2006-2010.